# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 33**

**Rikors numru 216/17/1 LM**

**L-Inġinier Nehad Khalifa u Mohamed T.A. Khalifa**

**v.**

**Maria Anna Scicluna**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat minnhom fit-8 ta' Marzu, 2017, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Ill jirrizulta li r-rikorrentim ta' cittadinanza Libjana, kienet involta fin-negozju li kien jiggenera qligh sostanzjali fis-suq Libjan liema negozju sfratta matul ir-revoluzzjoni li kien hemm fil-Libja fl-2011 konsegwenti ghall-instabilita` li rrizulta sussegwentement.
>
> 2. Illi in segwitu missier l-esponenti u cioe` l-esponent l-iehor Mohamed T.A. Khalifa, ukoll ta' cittadinanza Libjana, marad

serjament u kien jinhtieg li ssirlu trapjant ta' kilwa b'dan l-esponenti kienet disposta li tiddona kilwa lill-missierha u l-intervent kien previst li jsir fil-Germanja.

3. Illi ghal dan il-ghan, minkejja diffikultajiet amministrattivi immensi, tenut kont il-qaghda politika instabbli esistenti fil-Libja, l-esponenti u missierha rnexxielhom jikkwalifikaw ghal sussidju minghand il-Gvern Libjan relattivament ghall-intervent kirurgiku progettat biex seta' jsir il-hlas dovut fir-rigward ammontanti dan is-sussidju ghal eba' u erbghin elf u hames mitt Euro (47,500) u di fatti kienu twettqu l-preparattivi kollha mehtiega biex seta' jsir dana l-intervent kirurgiku delikat fil-Germanja u di fatti l-esponenti kienet ipprenotat il-biljetti tal-ajru li swew 3,400 Dinari Libjani ekwivalenti ghal 2,014 Euro.

4. Illi pero` gara li ftit jiem biss qabel it-tluq tal-atturi minn Malta l-intimata kienet serqet il-basket tal-esponenti li kien fih assi varji fosthom il-passaport tal-esponenti, diversi credit cards, mobile, curkett tad-deheb, flus kontanti u wallet apparti l-basket stess oltre xi ricevuti li minghajrhom ma setghetx tintalab rifuzjoni ta' taxi li kienu thallus mill-esponenti.

5. Illi l-process biex isir passaport Libjan gdid jiswa 15,000 Dinari Libjani, ekwivalenti ghal cirka 2000 Ewro u dan in vista tad-diffikultajiet amministrattivi kbar li jridu jigu rinfaccjati fil-Libja minn min jitlef il-passaport tieghu, inkluz f'kaz li jinsteraq u dan apparti l-fatt li il-persuna koncernata tkun tenuta li tistenna sena biex tkun intitolata li tapplika ghal passaport gdid.

6. Illi s-serq tal-passaport tal-esponenti mill-intimata kellu effetti verament devastanti fuq l-esponenti u fuq il-familja taghha li tiddependi finanzjarjament fuq l-esponenti.

7. Illi pero` l-aktar konsegwenza gravi li ssussistiet mis-serqa kommessa mill-intimata kienet li fin-nuqqas tal-passaport l-esponenti ma setghetx issiefer fil-Germanja ma missierha biex setghet issir l-operazzjoni surriferita ghalkemm l-esponenti garrbet danni ohra sinifikanti li huma ancillari ghall-akkadut kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi wara s-serqa l-intimata giet rintraccjata malajr mill-Pulizija billi s-serqa kienet giet registrata fis-CCTV li kien hemm stallat fl-istabbli fejn sehhet is-serqa li permezz tieghu l-intimata setghet tigi identifikata facilment filwaqt li s-security guard impjegat f'dana l-istabbli wara li gie mitlub mill-attrici biex jghinha, kien ezamina l-footage tas-CCTV, u di fatti kien ra lill-intimata diehla fil-public convenience li hemm f'dan il-post bi basket wiehed u wara li l-esponenti kienet harget minn dan il-public convenience fejn kienet

nesghet il-basket taghha, l-istess security guard osserva lill-intimata hierga mill-public convenience b'zewg basktijiet.

9. Illi wara l-intimata giet rintraccjata mill-Pulizija kienet saret laqgha fl-Ghassa ta' Sliema fil-presenza tal-Ispettur Mark Anthony Mercieca, li kien mexxa l-investigazzjoni, tal-esponenti u hutha u l-konsulent legali tal-familja tal-esponenti oltre xi qraba tal-intimata u dan in vista tal-urgenza kbira li ssussistiet in konnessjoni mas-safra tal-esponenti u missierha fil-Germanja fejn l-intimata giet mitluba bil-hrara minn kull min kienet prezenti biex tirritorna l-passaport tal-esponenti wara li gie spjegat lill-intimata li fuqha kien jiddependi jekk issirx is-safra progettata mill-atturi u giet anke murija t-tape tas-CCTV li kien jixhed minghajr ombra ta' dubbju li l-intimata kienet serqet il-basket tal-esponenti.

10. Illi pero` l-intimata ostinatament irrifjutat li tammetti li kienet serqet il-basket tal-esponenti u wisq anqas il-passaport tal-esponenti.

11. Illi f'dawn ic-cirkostanzi verament gravi u tabilhaqq kiefra l-atturi ma kellhom ebda alternattiva hlief li jhassru s-safra lejn il-Germanja biex isir l-intervent kirurgiku tant vitali stante li l-esponenti evidentement ma setghetx issiefer ma missierha fil-Germanja minghajr il-passaport taghha b'dannu gravi ghal sahhet l-attur b'mod li l-qaghda ta' sahtu kompliet tiggrava u naturalment hija destinate li tiddeterjora ulterjorment mat-trapass taz-zmien.

12. Illi eventwalment il-Pulizija istitwiet azzjoni kriminali fil-konfront tal-konvenuta quddiem il-Qorti tal-Magistrati in konnessjoni mas-serqa minnha mwettqa fejn hija ammettiet l-akkuzi dedotti kontra taghha.

13. Illi qabel il-kawza penali giet decisa l-intimata baqghet issostni krudelment li ma kinitx taf fejn kien il-passaport tal-esponenti minkejja sahansitra l-intervent tal-Magistrat sedenti f'attentat ahhari biex jikkonvinci lill-intimata biex tghid fejn jien jinsab il-passaport tal-esponenti u dan minkejja li l-intimata kienet taf ben tajjeb il-hsara kbira li kienet sejra tipprovoka f'sahhet l-attur b'konsegwenzi anke fatali.

14. Illi fid-dawl tal-akkadut, kif jigi provat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti u missierha garrbu danni kbar, inter alia izda mhux esklussivament, in vista tal-fatt li intilef is-sussidju li kien ser jinghata mill-awtoritajiet Libjani relattivament ghall-operazzjoni ta' trapjant progettat liema sussidju kien inghata f'cirkostanzi amministrattivi li kienu jesistu fil-Libja meta saret it-talba ghall-ghoti tas-sussidju u liema cirkostanzi m'ghadhomx jezistu, tenut kont l-evoluzzjoni tal-qaghda politika fil-Libja fl-isfond tal-instabbilta` li ghadha tezisti anke presentement. Mill-banda l-ohra l-esponenti ma fadalhiex mezzi disponibbli biex tissussidja l-

operazzjoni mill-assi personali taghha ukoll konsegwenti ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, l-esponenti, in vista tas-suespost, bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata hija unikament responsabbli ghad-dani kollha sofferti minnhom fl-isfond tal-akkadut u li konsegwentement hija tenuta li taddivieni ghar-risarciment tad-danni sofferti mill-istess atturi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi konsegwenti ghall-agir tal-intimata kif aktar 'il fuq riferit;

3. Tikkundanna lill-istess intimata biex thallas lill-attrici d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandati ta' sekwestru li jgibu in-numri progressiv ta' 303/2017 u 334/2017 u bl-imghaxijiet legali mid-dati tan-notifika tal-presenti sad-data tal-effettiv pagament tad-danni likwidati u bl-ingunzjoni tal-intimata biex tidher personalment ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Maria Anna Scicluna ppreżentata minnha fit-3 ta' April, 2017 fejn ingħad:

"1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, jispetta lill-atturi illi jgibu prova tal-allegati danni allegatament sofferti minnhom, tal-kwantum tal-istess allegati danni u tan-ness kawzali bejn l-eccipjenti u l-allegati danni;

2. Illi l-atturi qieghdin jallegaw fatturi li a *prima facie* ma jidhrux li huma konnessi ma' l-allegata serqa;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedent u dawk sussegwenti, l-atturi jridu jippruvaw illi huma hadu dawk il-passi kollha necessarji sabiex jimminimizzaw id-danni allegatament sofferti minnhom u illi n-nuqqas t'azzjoni taghhom fi zmien propizju m'aggravax id-danni hekk kif qieghdin jigu indikati;

4. Illi l-eccipjenti m'ghandhiex tinsab responsabbli ghad-danni li gew ikkagunati minhabba nuqqasijiet amministrattivi ta' terzi;

5. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mil-ligi."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Settembru, 2020, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi laqgħet l-ewwel talba tal-atturi, b'dan li ma sabitx li hemm danni li għandhom jiġu likwidati u b'hekk ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet tagħhom, kif ukoll ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta. Bl-ispejjeż jiġu sopportati in kwantu għal 65% mill-atturi u 35% mill-konvenuta.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-episodju inkwistjoni, imbagħad ser tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża.
>
> Meta tieħu inkonsiderazzjoni l-ammissjoni reġistrata mill-konvenuta fil-proċeduri kriminali istitwiti fil-konfront tagħha mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid fir-rigward tar-responsabbilità tal-konvenuta għall-akkadut. Dik il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Jannar, 2017[1], sabet lill-konvenuta ħatja fuq l-ammissjoni tagħha stess tas-segwenti akkużi miġjuba kontriha:
>
> > *"... talli*
> >
> > 1. *fil-21 ta' Marzu 2016, ġewwa Plaza Shopping Complex, Triq Bisazza, Sliema f'xi ħin għall-ħabta ta' nofsinhar, ikkomettiet serq li hu aggravat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) Art 267 tal-Kap 9;*
> >
> > 2. *malli saret taf li xi ħaġa fil-pussess tagħha kienet ħaġa misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqset li tgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta saret taf hekk. Art 334A tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta;"*
>
> Fl-istess sentenza dik il-Qorti tgħid li hija saħansitra tat żmien lill-konvenuta sabiex tikkonsidra l-ammissjoni li xtaqet tagħmel, iżda l-istess konvenuta baqgħet tinsisti fuq l-ammissjoni tagħha, u b'hekk

[1] *A fol.* 45.

ingħatat is-sentenza. Il-konvenuta min-naħa tagħha u b'riferiment għall-affidavit tat-tifel tal-konvenuta Warren Scicluna u x-xhieda tal-Ispettur Mark Anthony Mercieca, tikkontendi li dawk il-proċeduri ma jirrispekkjawx dak li ġara fil-21 ta' Marzu, 2016, u għalhekk il-proċeduri qudiem il-Qorti tal-Maġistrati m'għandhomx jinfluwenzaw il-proċeduri odjerni.

Il-Qorti tirrileva li kif jidher mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, il-konvenuta kellha kull opportunità li tikkontesta l-akkużi ta' serq miġjuba kontriha, iżda hija naqset li tagħmel dan, u għażlet għal raġunijiet tagħha biss, li tirreġistra ammissjoni. Jekk tikkonsidra wkoll li l-konvenuta naqset għalkollox milli tressaq provi konvinċenti sabiex tikkorabora l-verżjoni tagħha, u dan jingħad għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-konvenuta ħarġet mill-*Plaza* mingħajr il-baskett tal-attriċi jew li dan ma nstabx mormi, il-Qorti ma tistax taċċetta dak li qiegħda ssostni fuqu l-konvenuta. Ma jistax jonqos li din il-Qorti tosserva li fil-ħin opportun il-konvenuta naqset milli tofri li tgħin fl-investigazzjoni u tagħti kull informazzjoni li seta' kellha sabiex b'hekk forsi tinstab il-persuna li allegatament għaddiet il-baskett lilha. Anki fil-laqgħat li saru ġewwa l-Għassa tal-Pulizija sussegwenti għall-akkadut, jirriżulta li l-konvenuta baqgħet siekta fuq din il-kwistjoni u dejjem insistiet li ma kellha xejn fil-pussess tagħha. Wara kollox hija kellha l-obbligu li dan tgħaddih lill-Pulizija minnufih, jekk ma kinitx taf min kien ħallih fir-*restroom*.

Għalhekk din il-Qorti ma ssib li hemm xejn li jista' jikkonvinċiha li l-każ kien differenti minn kif qed jallegaw l-atturi u tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli għal dawk id-danni li jistgħu jirriżultaw kawża tas-serqa tal-baskett kommessa minnha.

## **Danni**

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi. L-attriċi fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019 ippreżentat elenku komprensiv tad-danni li l-atturi sofrew bħala konsegwenza tas-serqa. Il-Qorti tosserva li fir-rigward tal-lista tal-oġġetti li ġew nieqsa mill-baskett tal-attriċi konsistenti f'mobile, ċurkett, portmoni jew *wallet*, flimkien mal-istess baskett, din hija pjuttost nieqsa minn informazzjoni u anki evidenza oħra li tikkonferma l-valur tagħhom kif pretiż mill-attriċi jew prova tal-ispiża necessarja għar-rimpjazzament tagħhom. Huwa minnu li l-ebda kontestazzjoni dwar il-valur dikjarat ma saret min-naħa tal-konvenuta, iżda xorta waħda din il-Qorti tikkunsidra li ma tistax tikkonsidra dawn l-oġġetti ai fini ta' danni mingħajr prova sodisfaċjenti fir-rigward tal-valur tagħhom.
Għal dak li jirrigwarda l-passaport, din il-Qorti tosserva li fir-rikors maħluf l-atturi ddikjaraw li passaport ġdid Libjan kien jiswa madwar €2,000.00 sabiex isir mill-ġdid. Aktar tard fil-proċeduri l-attriċi

ppreżentat affidavit fejn tgħid[2] li peress li s-sitwazzjoni ġewwa l-Libja llum tjiebet mis-sena 2017, hija ħallset biss l-ammont ta' €150.00 għal passaport ġdid u esebiet kopja tiegħu.[3] Iżda l-attriċi naqset milli tesebixxi l-irċevuta relattiva, u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tikkunsidra l-ispiża fid-dawl tad-danni allegatament sofferti mill-atturi.

Fir-rigward tal-karti ta' kreditu, l-ebda prova ma tressqet mill-attriċi dwar l-ispiża neċessarja sabiex dawn ġew sostitwiti, jekk dan kien il-każ, u għal dak li jirrigwarda l-flus kontanti, anki hawn l-attriċi naqset milli ġġib prova mill-bank minn fejn kienet allegatament ġibdithom ftit qabel permezz tal-karta tal-kreditu. Il-Qorti tosserva li ma jirriżultax mill-provi li kien hemm xi diffikultà li żammet lill-atturi milli jagħmlu dan. Barra minn hekk m'hemm l-ebda informazzjoni fir-rigward tal-irċevuti li allegatament ġew nieqsa, għajr il-fatt allegat li kienu rċevuti li fuqhom l-attriċi setgħet tirċievi rifuzjoni tat-taxxa.

L-atturi jirrilevaw li l-attur kien jeħtieġ li issirlu trapjant ta' kilwa u l-attriċi kienet disposta li tagħtih il-kilwa neċessarja, b'dana li l-intervent kien previst li jsir fil-Ġermanja ftit jiem wara l-akkadut, permezz ta' sussidju mogħti mill-Ministeru tas-Saħħa Libjan. Iżda peress li nsteraq il-baskett tal-attriċi mill-konvenuta, fejn l-istess attriċi kellha wkoll il-passaport tagħha, huma jsostnu li ma setgħux jivvjaġġaw lejn il-Ġermanja sabiex isir dan l-intervent. Din il-Qorti tosserva li l-atturi ma ressqu l-ebda prova tal-allegat intervent kirurgiku in sostenn ta' dak li ddikjaraw fir-rikors maħluf tagħhom, u anki fl-affidavits rispettivi tagħhom u mix-xhieda prodotti minnhom. Mingħajr dubju l-atturi suppost li kellhom f'idhom, kemm korrispondenza mal-isptar ġewwa l-Ġermanja, u anki mal-Ministeru tas-Saħħa Libjan, li kienu juru meta kien ser isir l-intervent u fejn, iżda l-ebda dokument minn dawn ma ġie ppreżentat bħala evidenza b'dawn id-dettalji. U jekk le, mingħajr dubju huma kienu f'pożizzjoni li jitolbu almenu lill-isptar Ġermaniż għal tali prova. Profs. Emanuel Farrugia fir-rapport mediku[4] tiegħu tas-17 ta' Frar, 2016, u hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li dan huwa sempliċi kopja tal-oriġinali li lanqas huwa ġuramentat, filwaqt li jgħid li l-attur huwa pazjent tiegħu fl-Isptar Mater Dei, ma jsemmi xejn dwar dan l-intervent u jgħid biss li minħabba s-sitwazzjoni ġewwa l-Libja, l-attur ser ikun kostrett li jgħaddi mill-proċess tal-ħasil tal-kliewi fl-Isptar Mater Dei hawn Malta. Dan kien qabel ma seħħet is-serqa. Ir-rapport mediku tal-Profs. Emanuel Farrugia tat-3 ta' April, 2017[5], jiġifieri sena wara s-serqa, għal darb'oħra ma jsemmix it-trapjant li kellu jsir fil-Ġermanja, anzi l-Prof. Farrugia hawnhekk qed jissuġġerixxi li t-trapjant ta' kilwa huwa wieħed minn żewġ alternattivi li huwa jqis bħala li tista' ssalva ħajjet l-attur, u filwaqt li jgħid ukoll li l-attriċi hija disposta li tagħtih kilwa, jiddikjara li huwa neċessarju li jsiru testijiet urġenti

[2] *A fol.* 259.
[3] Dok. NKB *a fol.* 274.
[4] Kopja Dok. F *a fol.* 26.
[5] Dok. LB1 *a fol.* 48.

fuqha u fuq l-attur bil-għan li jsir it-trapjant fil-futur qrib. Xejn ma jissemma hawnhekk li dawn it-testijiet kif allegat minn mart l-attur u omm l-attriċi Jamila Khalifa kienu saru fil-Libja. Barra minn hekk it-Tabiba Roberta Borg Costanzi fl-affidavit tagħha[6] tgħid li dak li kienet taf dwar l-intervent, hija kienet tafu għaliex qalitulha l-attriċi. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tqis li ġiet ippruvata l-allegazzjoni li fit-28 ta' Marzu, 2016, l-atturi kienu ser isiefru lejn il-Ġermanja proprju sabiex isir l-intervent neċessarju għat-trapjant ta' kilwa tal-attur, wisq inqas tista' tqis li ġie ppruvat li bħala riżultat tas-serqa tal-baskett tal-attriċi bil-passaport tagħha, tħassar l-imsemmi intervent b'danni konsegwenzjali stante li ntilef is-sussidju wkoll. Hawnhekk għandu jingħad li l-atturi ma ressqu l-ebda dokument sabiex jikkonferma u jispjega għaliex is-sussidju ntilef wara sitt xhur.[7] Wara kollox il-Qorti tosserva li llum l-ispiża xorta waħda tidher li mhux ser taqa' fuq spallejn l-atturi. Skont dak li xehdet l-attriċi[8], l-attur kiseb *refugee status* u ġaladarba kien qed jieħu t-trattament tal-ħasil tal-kliewi hawn Malta fl-Isptar Mater Dei bla ħlas, huwa kien tpoġġa fuq il-lista ta' dawk il-persuni li kienu qegħdin jistennew li jsirilhom trapjant.

L-atturi jsostnu li huma inkorrew diversi spejjeż sabiex baqgħu jgħixu hawn Malta għaliex peress li ma sarx it-trapjant, l-attur kien kostrett li joqgħod hawnhekk għall-ħasil tal-kliewi. Iżda din il-Qorti tinnota li l-atturi kienu ilhom li ġew joqgħodu hawn Malta mis-sena 2012. L-attur stess iddikjara[9] li huma kienu ġew hawn Malta l-ewwel darba minħabba t-trattament mediku li kellha bżonn martu fiż-żmien qabel il-bidu tal-ġlied u tal-problemi fil-Libja, qabel is-sena 2012. It-Tabiba Roberta Borg Costanzi fl-affidavit tagħha maħluf fis-6 ta' Lulju, 2017[10], iddikjarat li hija kienet ilha t-tabib tal-familja tal-atturi għall-aħħar ħames snin. L-istess jikkonferma Prof. Emanuel Farrugia, *konsulent* fl-Isptar Mater Dei, fir-rapport tiegħu maħruġ fit-13 ta' Marzu, 2018.[11] Ix-xhud Venera Magro, sid l-appartament mikri lill-atturi, xehdet permezz tal-affidavit tagħha[12] li hija kienet saret taf lill-attriċi u lill-familja tagħha fis-sena 2013 meta krietilhom l-imsemmi appartament. Abdel Fatah Shtewy mis-Sezzjoni tal-Konsulat fl-Ambaxxata Libjana hawn Malta, in kontroeżami xehed hekk dwar l-attriċi[13]:

> *"Ħarġet dokumenti qabel, kemm-il darba tiġi biex tagħmel ir-residenza hawn Malta u għamilnila ċertifikati..."*

---

[6] *A fol.* 74.
[7] Ara traduzzjoni ta' korrispondenza bejn il-Ministru tas-Saħħa Libjan u sottosegretarju tal-Ministru tal-Finanzi Libjan fil-15 ta' Mejju, 2014, a *fol.* 14. Għandu jiġi ppreċiżat li dan id-dokument huwa biss talba għall-'funding authorisation' u mhux konferma li s-sussidju kien ġie approvat.
[8] Seduta 21.01.19 a *fol.* 504.
[9] Seduta 10.07.19 a *fol.* 531-532.
[10] Dok. H a *fol.* 60.
[11] *A fol.* 230.
[12] *Supra.*
[13] Seduta 24.11.17 *a fol.* 109.

Dan filwaqt li kkonferma li l-attriċi kienet residenti hawn Malta u anki kellha karta ta' l-identità maħruġa minn hawn Malta. Jirriżulta lill-Qorti mir-rikors maħluf, li l-atturi fil-fatt it-tnejn għandhom karta ta' identità maħruġa minn hawn Malta. Mill-file mediku tal-attur jirriżulta wkoll li huwa kien qed jagħmel diversi testijiet fl-Isptar Mater Dei sa mis-6 ta' Novembru, 2013,[14] u l-attriċi in kontroeżami[15] stqarret li *"...we were living here as a health reason from the beginning".*

Fir-rikors maħluf tagħhom u anki fl-affidavit tal-attriċi[16], jingħad li wieħed kellu jistenna sena qabel ma jkun intitolat japplika għal passaport ġdid u għalhekk hija u l-familja spiċċaw maqbuda hawn Malta. Abdel Fatah Shtewy li jaħdem mas-Sezzjoni tal-Konsulat fl-Ambaxxata Libjana u li f'dawn il-proċeduri kien xhud tal-atturi stess, ma xehedx hekk. Huwa xehed[17] li bil-liġi l-qadima l-attriċi kellha bżonn li tistenna sena qabel ma jinħarġilha passaport ġdid, iżda dan kollu kien inbidel permezz tal-liġi l-ġdida li ġiet fis-seħħ fis-sena 2011 meta ma kienx hemm bżonn li wieħed jistenna sena, għalkemm wieħed kien isib kju twil u jista' jkun li ddum ġimgħa għal passaport ġdid jew sa sena. Iżda xehed ukoll li l-Konslu ta' dak iż-żmien kienet irrifjutat li toħroġ *emergency travel document* lill-attriċi sabiex din tmur lura lejn il-Libja sabiex tikseb passaport ġdid, b'dana li huwa ma kienx jaf ir-raġuni għal dan. Issa mill-provi ma jirriżultax li din ir-raġuni kienet waħda mhux imputabbli lill-attriċi stess jew li b'xi mod ikkontribwixxiet għaliha, u jibqa' mhux ċar għaliex l-attriċi spiċċat maqbuda hawn Malta fejn għal xi żmien saħansitra lanqas lejn pajjiżha ma setgħet tmur.

B'hekk il-Qorti tifhem li l-atturi u l-familja tagħhom kienu ilhom joqogħdu hawn Malta saħansitra mis-sena 2012 u għalhekk ma ssib l-ebda raġuni għaliex huma għandhom jiġu indennizzati għall-ispejjeż tagħhom għall-għajxien ta' kuljum jew dawk mediċi u tieħu inkonsiderazzjoni li wħud mill-ispejjeż reklamati bħala danni kienu fi kwalunkwe każ jitħallsu ġewwa pajjiżhom. Il-Qorti tagħraf li s-segwenti spejjeż kollha huma konsegwenza tad-deċiżjoni li l-atturi u l-familja tagħhom jirrisjedu hawn Malta u mhux f'pajjiżhom: biljetti ta' l-ajru, kera tal-appartament, kontijiet għall-użu tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma u tal-*internet*, xiri ta' gass, karti tat-telefon, servizz ta' taxi, ilma għax-xorb, ikel, spejjeż kollha mediċi inklużi dawk ta' sptar, tobba u mediċini."

[14] *A fol.* 189.
[15] Seduta 21.01.19 *a fol.* 502.
[16] *Supra.*
[17] *Supra a fol.* 110.

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2020, fil-parti fejn sabet lill-konvenuta responsabbli għal dawk id-danni li jistgħu jirriżultaw kawża tas-serqa tal-basket imwettqa minnha, tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, iżda tirriformaha fil-parti fejn qalet li ma ssibx li hemm danni li għandhom jiġu likwidati u b'hekk ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi u minflok tillikwida d-danni mitluba u tordna lill-konvenuta appellata tħallas lill-atturi appellanti d-danni hekk likwidati, bl-imgħax kif mitlub u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata.

6. Rat ir-risposta tal-konvenuta appellata Maria Anna Scicluna, li permezz tagħha wieġbet li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-appellanti.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami, waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu, 2022.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawża hija waħda ta' danni wara serq ta' basket tal-attriċi da parti tal-konvenuta. F'dan il-basket kien hemm fost affarijiet oħra, il-passaport tal-attriċi li permezz tiegħu riedet issiefer flimkien ma' missierha, l-attur l-ieħor, għall-Ġermanja, sabiex ikun jista' jsir it-trapjant ta' kilwa tagħha lil missierha, li huwa persuna marida. Minkejja diversi tentattivi sabiex il-konvenuta tal-inqas tirritorna lura l-passaport, hija baqgħet tiċħad li hija serqet dan il-basket, iżda sussegwentement fil-proċeduri kriminali, hija ammettiet li kienet hi li ħadet il-basket. Kwindi l-atturi qegħdin ifittxu lill-konvenuta għad-danni kollha mġarrba minnhom, inkluż is-sussidju li kien ser jingħatalhom bl-iskop li jsir l-imsemmi trapjant, kif ukoll diversi spejjeż oħra li jingħad li nkorrew konsegwenza tal-aġir tal-konvenuta. Għalhekk talbu lill-Qorti li l-konvenuta tiġi dikjarata bħala responsabbli għad-danni, li jiġu likwidati d-danni sofferti minnhom konsegwenza tal-aġir tal-konvenuta, kif ukoll li tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex tħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

10. Da parti tagħha l-konvenuta ressqet l-eċċezzjonijiet tagħha fis-sens li l-atturi jridu jġibu prova tad-danni sofferti minnhom, tal-kwantum tagħhom, kif ukoll tan-ness kawżali bejnha u l-allegati danni. Il-konvenuta tikkontendi li jeħtieġ li l-atturi jippruvaw li huma ħadu passi sabiex jimminimizzaw id-danni u li hija m'għandhiex tinsab responsabbli għad-danni li ġew ikkaġunati minħabba nuqqasijiet amministrattivi ta' terzi. Fl-

aħħar jingħad ukoll li l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

11. L-ewwel Qorti, filwaqt li laqgħet l-ewwel talba tal-atturi fis-sens li l-konvenuta hija unikament responsabbli għal dawk id-danni li jistgħu jirriżultaw kawża tas-serqa tal-basket imwettqa minnha, iżda ma sabitx li hemm danni li jistgħu jiġu likwidati u għalhekk ċaħdet kemm it-tieni u tielet talba tal-atturi, kif ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

12. L-atturi ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza fir-rigward tal-kap fejn l-ewwel Qorti ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet tagħhom fejn kien qiegħed jintalab il-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tad-danni. Fil-fehma tal-appellanti, l-ewwel Qorti naqset serjament milli tintebaħ b'numru ta' dokumenti, li fihom jikkontendu li hemm il-prova li hija kienet qegħda tfittex. Filwaqt li l-appellanti jagħmlu referenza għall-prinċipji li jirregolaw id-delitt u l-ħlas tad-danni naxxenti minn dak l-event dannuż, ifakkru li l-grad tal-prova meħtieġ fil-qasam ċivili huwa dak tal-bilanċ ta' probabiltajiet. Imbagħad huma jisiltu dawk il-partijiet mis-sentenza appellata li fil-fehma tagħhom huma żbaljati, peress li jisħqu li l-provi kollha li l-ewwel Qorti kkunsidrat bħala nieqsa, qegħdin fl-atti. Kwindi jikkontendu li d-danni ġew ippruvati u talbu riforma tas-sentenza sabiex jiġu likwidati d-danni u l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas l-istess danni.

13. Da parti tagħha, il-konvenuta tikkontendi li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, peress li għalkemm l-atturi ppreżentaw numru ta' dokumenti, iżda l-istess dokumenti ma tawx lill-ewwel Qorti dak is-serħan tal-moħħ meħtieġ sabiex jiġu likwidati l-istess danni. Dana peress li għadd kbir ta' dokumenti mhumiex sostnuti permezz ta' rċevuti, filwaqt numru kbir ta' rċevuti ppreżentati ma jirrelatawx mal-kawża odjerna, peress li spejjeż bħal dawk alimentari, l-appellanti u l-familjari tagħhom xorta kienu jinkorruhom, kwindi qatt ma setgħu jiġu mputati lill-appellata. L-appellata tikkontendi li l-appellanti naqsu milli jressqu prova sodisfaċenti li l-attur appellant effettivament kellu ffissat xi appuntament f'xi sptar il-Ġermanja sabiex isirlu l-intervent kirurġiku tat-trapjant ta' kilwa, kif ukoll tikkontesta li tressqet prova li s-sussidju effettivament ingħata lill-appellanti jew li s-sussidju mogħti mill-Gvern Libjan kien intilef. Dan apparti li d-dokumenti ppreżentati mill-appellanti mhumiex awtentikati kif stabbilit permezz tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12. tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellata ssostni li mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti njorat il-provi mressqa mill-appellanti, tant li tagħmel referenza għalihom fis-sentenza appellata. Inoltre, jingħad minnha li din il-Qorti għandha s-setgħa li twettaq ri-eżami tal-provi mressqa għal "motivi gravi", li ma jirriżultawx fil-każ in eżami. F'dan il-każ l-atturi appellanti ma rnexxilhomx juru li l-interpretazzjoni tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienet tant żbaljata, li timmerita reviżjoni tal-provi mressqa minn din il-Qorti, jew li tiġi disturbata d-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti.

14. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-appell imressaq mill-atturi appellanti jiċċentra fuq il-materja ta' likwidazzjoni tad-danni, peress li ma sar l-ebda appell inċidentali dwar il-kwistjoni ta' responsabbilta`, il-kap tas-sentenza appellata li permezz tiegħu ntlaqgħet l-ewwel talba tal-atturi, jiġifieri li l-konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti minnhom fl-isfond tal-akkadut u li konsegwentement hija tenuta li taddivjeni għar-riżarċiment tad-danni mġarrba mill-istess atturi, illum tikkostitwixxi ġudikat.

15. Fir-rigward tal-punt imqanqal mill-konvenuta appellata dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti, kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**:

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*."

Applikati dawn il-prinċipji, jeħtieġ li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli għall-każ in eżami.

16. Jibda billi jiġi osservat li l-principju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jigi deskritt bħala *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre, l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. Huwa minnu, li fl-istess provvediment jingħad li, il-Qorti għandha dritt tesiġi li titressaq l-aħjar prova, iżda l-fatt li l-ewwel Qorti aċċettat il-produzzjoni ta' numru ta' dokumenti, ma jfissirx li l-ewwel Qorti kellha xi obbligu li tikkonduċi l-provi tal-partijiet hija stess (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited**.)

17. Mill-atti jirriżulta li l-atturi, eżebew diversi dokumenti in sostenn tal-pretensjonijiet tagħhom, hekk per eżempju l-atturi ressqu bħala xhud lil Abdulfattah Shtewy mill-Uffiċċju tal-*Libyan Consular Section*, fi ħdan l-Ambaxxata tal-Libja f'Malta, fejn ikkonferma bil-ġurament Dok AFS 1 (fol. 118 sa 119 tal-proċess) fejn jingħata rendikont sħiħ tal-informazzjoni

dwar il-każ. Dwar il-fondi allokati għat-trapjant li kellu jsir bejn l-atturi, jingħad is-segwenti:

> *"After the Khalifa requested the Libyan Interim Government to give them assistance with a view to subsidizing the proposed transplant operation which Mr. Khalifa direly required, the family's request was acceded to. But the only option available to the Libyan Interim Government at that juncture was to classify him in the aforementioned program as an exceptional measure on purely humanitarian grounds. The subsidy amounted to 47,500 euro and included the cost of the operation, accomodation and maintenance allowance."*

Filwaqt li l-avukat difensur tal-atturi ressaq ukoll dikjarazzjoni oħra redatta mill-Uffiċċju Konsolari Libjan, fejn hemm annessa wkoll korrispondenza bejn il-Ministeru tas-Saħħa u l-Ministeru tal-Finanzi tal-Libja (ara Dok. LB2 a fol. 142 sa 147 tal-proċess), fejn hemm inkluż fil-lista ta' benefiċjarji tas-sussidju għat-trattament tal-Libjani mġarrba fil-Ġermanja, fosthom l-attur, fejn jingħad li:

> *"The Libyan Consular Office confirms that the subsidy was granted to Mohamed Khalifa with a view to financing a kidney transplant operation which as stated was to be performed in Germany."*

18. Għalkemm dawn id-dokumenti, bħala korrispondenza bejn ministeri ta' Gvern barrani, ma tressqux bħala awtentikati, mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ħarġu (fil-Libja), jew minn persuna li kienet qed isservi f'servizz diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, madankollu peress li nħarġu mill-Uffiċċju

Konsolari Libjan f'Malta għandhom jitqiesu bħala dokumenti li nħarġu minn awtorita` oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, ladarba nħarġu minn konsulari tal-Gvern Libjan preżenti f'Malta, kwindi ċertament għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-fini tal-Artikolu 628 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Inoltre, jiġi osservat ukoll li l-konvenuta qatt ma kkontestat il-validita` ta' dawn id-dokumenti mressqa mill-atturi, ħlief fl-istadju tan-nota tas-sottomissjonijiet. Fil-fatt meta xehdu Abdulfattah Shtewy u l-avukat Leo Bencini li għamlu referenza għall-istess dokumenti esebiti in atti, qatt ma saret kontestazzjoni fir-rigward tal-awtenticita` tal-imsemmija dokumenti. Hekk ukoll, fl-istess dokument rilaxxat mill-Ambaxxata Libjana, jingħad li s-sussidju ntilef u ma jeżistux ċ-ċirkostanzi sabiex l-attur ikun mill-ġdid eliġibbli għal tali sussidju (ara fol. 119). Kwindi din il-Qorti ma tistax twarrab dawn id-dokumenti daqslikieku l-atturi ma ressqu prova ta' xejn.

19. Min-naħa l-oħra, kif ġustament osservat mill-konvenuta appellata, ma tressqet l-ebda prova dwar l-appuntament fl-isptar fil-Ġermanja li suppost kellu l-attur sabiex isirlu l-intervent kirurġiku tat-trapjant ta' kilwa. Fil-fatt fl-ewwel affidavit tagħha l-attriċi tikkontendi li *"...kienu twettqu l-preparattivi kollha meħtieġa biex seta' jsir dana l-intervent kirurġiku delikat fil-Ġermanja u di fatti kont ipprenotat il-biljetti tal-ajru li swew elf u seba' mitt Euro (1700)"* (fol. 15 tal-proċess). Sussegwentement l-attriċi ppreżentat affidavit ieħor (Dok HK(C)) fejn fir-rigward tal-biljetti tal-ajru

xehdet: “*With regard to the air tickets which we had bought to travel to Germany on the 28th March, 2016, the price was 3400 Libyan Dinars and at that time was equals to 2014 Euro.”* (ara fol. 259) Madankollu, la tressqet kopja tal-imsemmija biljetti tal-ajru, jew prova ta’ ħlas tal-imsemmija biljetti tal-ajru u lanqas xi korrispondenza jew dokument ieħor uffiċjali maħruġ minn xi sptar fil-Ġermanja li jikkonferma dan l-arranġament sabiex iseħħ it-trapjant. L-uniku dokument li nħareġ minn faċilita` fil-Ġermanja huwa dak minn MILO Medical Technology & Services GmbH (immarkat bħala Dok. NKK1 a fol. 549 tal-proċess). Dan id-dokument li nħareġ fil-mori tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, huwa datat l-1 ta’ Mejju, 2019, u jagħmel referenza għall-*medical analysis* u *medical reports* mibgħuta mill-attriċi fit-18 ta’ April, 2019, li minnhom tirriżulta l-ħtieġa urġenti li ssir operazzjoni. Iżda ma ssir l-ebda referenza għal xi appuntament preċedenti.

20. Inoltre, kif ġustament osservat mill-ewwel Qorti, mir-rapport mediku tal-Profs. Emanuel Farrugia tas-17 ta’ Frar, 2016 (Dok. F a fol. 26 tal-proċess), jiġifieri qabel ma seħħet is-serqa, jirriżulta li għalkemm l-attur kien pazjent tiegħu fl-Isptar Mater Dei, ma jsemmi xejn dwar dan l-intervent u jgħid biss li minħabba s-sitwazzjoni ġewwa l-Libja, l-attur ser ikun kostrett li jgħaddi mill-proċess tal-ħasil tal-kliewi fl-Isptar Mater Dei hawn Malta. Għal darb’oħra, ir-rapport mediku tal-istess Professur Farrugia datat 3 ta’ April, 2017, (Dok. LB 1 a fol. 48) jiġifieri sena wara s-

serqa, għalkemm il-professur jisħaq fuq kwalita` ta' ħajja aħjar assoċjata mat-trapjant, ma jsemmi xejn dwar it-trapjant li suppost kellu jsir fil-Ġermanja.

21. Hekk ukoll, bosta mix-xhieda mressqa mill-istess atturi, bħal dik ta' Dottor Roberta Borg Costanzi u ta' Venera Magro, dwar il-fatt li kellha ssir l-operazzjoni tal-attur fil-Ġermanja hija bbażata fuq dak li ngħad lilhom mill-istess attriċi (ara b'eżempju x-xhieda a fol. 60 u 70). Minn dan kollu jsegwi li għalkemm l-atturi ressqu prova li kienu eliġibbli għas-sussidju da parti tal-Gvern Libjan sabiex issir operazzjoni ta' trapjant lill-attur, u li dan is-sussidju ntilef, din il-Qorti bħal ta' qabilha tqis li ma tressqux provi sodisfaċenti dwar l-eżistenza tal-appuntament sabiex isir l-allegat intervent kirurġiku fil-Ġermanja u lanqas saret prova tal-ħlas tal-biljetti tal-ajru għall-Ġermanja.

22. Il-Qorti tirribadixxi l-prinċipju kardinali li f'materja ta' danni, sabiex ikun hemm responsabbilita` għad-danni ċivili jrid jirriżulta ness ta` kawżalita` bejn il-fatt kolpuż u l-event dannuż. Il-fatt kolpuż huwa l-kawża jew sors li minnu jsegwi d-dannu bħala l-konsegwenza tal-istess fatt kolpuż. Kunsidrati l-provi kollha in atti, fil-fehma ta' din il-Qorti tabilħaqq jirriżulta n-ness bejn il-fatt illum stabbilit li l-konvenuta serqet il-basket tal-attriċi, li fih kien hemm il-passaport tagħha u l-event dannuż konsistenti fit-telf tal-opportunita` tal-atturi li jagħmlu użu mis-sussidju allokat lilhom,

sabiex imorru l-Ġermanja u jsir it-trapjant tal-attur. Għalkemm ma teżistix prova dwar appuntament tal-operazzjoni fil-Ġermanja, jinsab ippruvat li l-atturi kellhom sussidju allokat favur tagħhom ta' €47,500 sabiex isir it-trapjant, liema sussidju kien ikopri l-akkomadazzjoni u l-għixien tagħhom għal ftit xhur. Jinsab aċċertat li minflok l-atturi kkonċentraw u wżaw l-enerġija kollha tagħhom sabiex tkun tista' ssir l-operazzjoni li kellu bżonn l-attur, minħabba s-serqa ma setgħu jagħmlu xejn aktar, ħlief li jikkonċentraw fuq kif setgħu jirrimpjazzaw, fl-iqsar żmien possibbli il-passaport misruq tal-attriċi, li kienet dik il-membru tal-familja kompatibbli bħala donatriċi tal-kilwa meħtieġa minn missierha għat-trapjant.

23. Għalkemm huwa minnu li kif eċċepit mill-konvenuta, hija ma tweġibx għan-nuqqas amministrattiv ta' ħaddieħor, jirriżulta ċar li s-sors tad-dannu mġarrab mill-atturi kien il-fatt li l-konvenuta serqet il-basket tal-attriċi bil-passaport li kien hemm ġewwa fih. Minkejja l-fatt li l-attur sab sostenn mill-awtoritajiet lokali billi ngħata l-istatus ta' refuġjat li ntitolah li jirċievi t-trattament mediku meħtieġ b'xejn, jibqa' l-fatt li l-attur kellu opportunita` li jagħmel it-trapjant meħtieġ li fi kliem l-ispeċjalista Professur Emanuel Farrugia:

> *"Kidney transplantation, particularly from a family member, is life-saving in this respect. Transplantation is associated with a much better quality of life and survival than is haemodialysis. In Mr. Khalifa's case, transplantation is even more desirable as attempts to surgically construct long-term vascular access have so far failed. Vascular access is an essential prerequisite to maintaining haemodialysis."*

Isegwi li fil-fehma ta' din il-Qorti din is-silta tkompli tixhed l-opportunita` li tilef l-attur appellant li jtejjeb il-kwalita` tal-ħajja tiegħu meta minflok imur il-Ġermanja għat-trapjant, spiċċa mġiegħel li jfittex kura alternattiva (haemodialysis) li minkejja li salvatlu ħajtu, baqa' kostrett li tliet darbiet fil-ġimgħa irid imur għall-kura fl-isptar, li ċertament naqset mill-kwalita` tal-ħajja li seta' jaspira għaliha permezz tat-trapjant. Għalkemm jingħad li l-attur bħala refuġjat, huwa eliġibbli għat-trapjant f'Malta, jibqa' l-fatt li fl-2016 tilef l-opportunita` permezz ta' sussidju allokat lilu, li jingħata t-trapjant li kien ibiddel il-kwalita` tal-ħajja tiegħu u jnaqqas mit-tbatija li kellu jgħaddi minnha.

24. Din il-Qorti lanqas taqbel mal-ewwel Qorti dwar l-analiżi magħmul minnha dwar id-dewmien fil-ħruġ ta' passaport ġdid, u li b'xi mod l-attriċi setgħet kienet b'xi mod responsabbli għal dan id-dewmien. Dan meta fid-dokument ippreżentat mill-Ambaxxata Libjana (fol. 119) jirriżulta li (i) l-Konslu Ġenerali ma kienx f'pożizzjoni li joħroġ dokument temporanju tal-ivvjaġġar favur l-attriċi, minħabba s-sitwazzjoni politika fil-Libja u li għalhekk l-attriċi għall-ewwel ma setgħetx tmur lura l-Libja sabiex tapplika għal passaport ġdid; (ii) illi d-dokument temporanju tal-ivvjaġġar eventwalment maħruġ lill-attriċi kien validu biss għall-iskop li l-attriċi tmur lura l-Libja u mhux sabiex tivvjaġġa f'pajjiż ieħor; u (iii) minkejja t-trapass taż-żmien, kien għadu ma nħariġx passaport ġdid lill-attriċi. Id-

diffikultajiet fil-ħruġ mill-ġdid ta' passaport Libjan mitluf jirriżultaw ukoll mix-xhieda ta' Abdulfattah Shtewy, li spjega li fejn fl-antik passaport mitluf kien jeħtieġ sena sabiex jiġi rimpjazzat, minkejja d-dħul ta' liġi ġdida, għalkemm ma jirriżultax il-ħtieġa li tistenna sena sabiex jinħareġ passaport ġdid, fil-fatt, id-dewmien fil-ħruġ ta' passaport baqa' problematiku, peress li kien hemm stennija twila. Din il-Qorti ma tarax kif dan kollu jista' jingħad li huwa xi nuqqas imputabbli lill-attriċi, meta s-sors ta' dan il-gwaj kollu kienet is-serqa tal-basket. Ġaladarba jinsab assodat li l-konvenuta hija responsabbli għas-serqa tal-basket tal-attriċi li fih kien hemm il-passaport, ikun ġust li hija tal-inqas tagħmel tajjeb għas-sussidju mitluf mill-atturi, li permezz tiegħu seta' jsir it-trapjant tant meħtieġ mill-attur, inkluż l-akkomodazzjoni u l-għixien tagħhom għal dawk ix-xhur koperti bl-istess sussidju. Dan is-sussidju, fil-fehma ta' din il-Qorti, jirrappreżenta t-telf attwali jew id-danni reali mġarrba mill-atturi konsegwenza tal-aġir tal-konvenuta.

25. Fir-rigward tal-kontestazzjoni tal-atturi appellanti dwar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li ma takkordax bħala danni l-ispejjeż magħmula minnhom tul il-perjodu li baqgħu jgħixu Malta, għandu jingħad li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-aggravju. Jibda billi jiġi osservat li, minkejja li forsi ma kenitx l-intenzjoni tal-atturi li jibqgħu Malta għal żmien daqshekk twil, jibqa' l-fatt li Malta kienet l-għażla oriġinali tagħhom sabiex jgħixu hawn meta daħlu fil-pajjiż fl-2012, wara l-kunflitt li kien

hemm f'pajjiżhom (ferm qabel ma seħħet is-serqa), tant li fis-sena 2013 daħlu f'kuntratt ta' kera ta' appartament (ara xhieda ta' Venera Magro). Kwindi l-fatt li wara s-serqa li seħħet fl-2016 huma baqgħu jgħixu hawn Malta, għalkemm kienet forsi riżultat tas-serqa, jibqa' l-fatt li s-sussidju li ngħataw sabiex apparti li jmorru l-Ġermanja, kellhom ukoll allokat lilhom flus għall-akkomodazzjoni u tal-għixien tagħhom, kien limitat għal ftit xhur. Kwindi wara li jiskadu dawk ix-xhur, l-atturi xorta kellhom jaħsbu għal rashom, kemm għall-akkomodazzjoni, kif ukoll għall-għixien tagħhom. Isegwi li meta din il-Qorti ser takkorda bħala ħlas ta' danni s-sussidju mitluf ta' €47,500, li kien jinkorpora fih kemm €40,000 għall-fini tat-trapjant u spejjeż mediċi relatati, kif ukoll €7,500 għall-akkomodazzjoni u l-għixien tal-atturi għall-perjodu ta' tliet xhur (ara fol. 144), ma hemmx lok li jiġi akkordat kumpens ulterjuri. Dan kemm peress li altrimenti jkun qiegħed isir ħlas doppju (għal dawk it-tliet xhur koperti mis-sussidju), kif ukoll peress li l-konvenuta mhix tenuta tagħmel tajjeb għall-akkomodazzjoni u l-għixien tal-atturi li jisboq il-perjodu kopert bl-imsemmi sussidju, peress li bis-serqa u mingħajrha, l-atturi xorta riedu jaħsbu għal rashom f'dan ir-rigward.

26. Huwa minnu li l-mard li bih kien afflitt l-attur ma kenitx għażla tiegħu, iżda lanqas jista' jingħad li l-konvenuta kienet responsabbli għall-mard li kellu l-attur, liema mard feġġ qabel is-serqa. Isegwi li l-pretensjonijiet tal-atturi relatati mal-ispejjeż tal-kera għaż-żmien li

baqgħu f'Malta wara s-serqa, l-ammont kbir ta' rċevuti pprezentati mill-atturi, tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, tat-telefon u tal-internet, tal-ivvjaġġar tagħhom, tal-ikel u tal-ilma u tal-ispejjeż mediċi u mediċini mixtrija minnhom, m'għandhomx raġun li jippretendu li l-konvenuta tagħmel tajjeb għalihom. Għandha raġun il-konvenuta appellata ssostni li l-atturi xorta kienu jinkorru dawn l-ispejjeż u għalhekk f'dan is-sens is-sentenza appellata ma timmeritax li tiġi riformata.

27. Din il-Qorti lanqas tiċċensura d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti sa fejn ċaħdet it-talbiet attriċi li mhumiex debitament korroborati permezz tal-irċevuti relattivi (bħal per eżempju l-ispejjeż għall-ħruġ ta' passaport ġdid, jew għall-ħruġ mill-ġdid tal-karti ta' kreditu jew xi dikjarazzjoni oħra li ssostni l-ammont ta' flus kontanti li jingħad li l-attriċi kienet għadha kemm ġibdet u li kellha fil-basket li nsteraq). Kien jispetta lill-atturi li jressqu prova in sostenn ta' dawn il-pretensjonijiet tagħhom.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell intavolat mill-atturi billi tilqa' l-istess parzjalment u filwaqt li tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fil-kawża fl-ismijiet premessi, fejn ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi, minflok tilqa' l-istess talbiet tal-atturi u tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi appellanti fl-ammont ta' sebgħa u

erbgħin elf, u ħames mitt ewro (€47,500) u tikkundanna lill-konvenuta Maria Anna Scicluna sabiex tħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata; tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha, bl-imgħax jiddekorri mil-lum, sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu in kwantu għal tmenin fil-mija (80%) mill-konvenuta appellata u għoxrin fil-mija (20%) mill-atturi appellanti, filwaqt li l-ispejjeż tal-prim'istanza jibqgħu kif deċiż mill-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr